Jiena nixtieq naghti liz-zghazagh tal-lum deskrizzjoni ta' l-Imqabba – tifkiriet tfuliti (qabel il-gwerra) – b'paragun ma' fejn tinsab issa.

Nibda biex nghid li, bhal kull lokalita ohra, konna nitkellmu bid-djalett partikulari taghna.

F'dak iz-zmien il-maggoranza ta' l-irgiel Imqabbin kienu jaqilghu l-ghixien taghhom minn xoghol fil-barrieri fejn il-qtugh tal-gebel kien kollu jsir bl-idejn. Il-mekkanizazzjoni tal-qtugh tal-gebel fil-barrieri beda wara l-gwerra 1939 – 1942.

Xoghol il-mara kien principalment id-dar – tipprepara l-ulied ghal- iskola, ndafa tad-dar u tipprepara l-ikel ghal-familja. Possibilment kull familja kienet trabbi xi fniek u tigieg anki moghza jekk ikollha maqjel. Bosta drabi l-familja kienet tikkultiva ghalqa fejn anki l-mara kienet taghti sehemha.

Ilbies – ghalkemm il-hafa kien ghadu komuni, l-irgiel kienu juzaw il-qorq, qalziet, sidrija u beritta. In-nisa juzaw zarbun ta' takkuna baxxa, dublett twil sas-saqajn u ghonnella. Fl-iskola s-subien ma jilbsux uniformi waqt li l-bniet jilbsu fardal abjad, kotba u pitazzi fil-basket tac-carruta.

L-art tad-djar tkun imsaqfa bic-cangatura tal-franka. L-uzu tad-madum tas-siment kien ghadu bil-bidu.

Ilma – Id-djar kienu jinqdew b'ilma tax-xita migbur fil-bjar. Ftit djar kellhom is-servizz tal-ilma tal-gvern li naturalment kien bi hlas. Ghal minn ma jkollhux bir – jew l-ilma tal-bir – kien hemm provduti ghejjun pubblici. Fl-Imqabba kien hemm erba' minnhom, wahda fil-Misrah, kantuniera fejn tisbokka Triq id-Duluri, wahda fil-bidu tas-Sqaq l-Ispar, wahda fi Triq il-Langasa bjen Sqaq Nru 1 u Nru 2 u ohra hdejn l-Iskola, in-naha ta' l-Ghassa tal-Pulizija.

Sa snin tletin tas-seklu ghoxrin, it-toroq kollha ta' l-Imqabba kienu jkunu mwittijin bi zrar tal-qawwi li jigi rrumblat b'romblu tqil hafna. Minhabba l-kwantita ta' trab li dawn it-toroq jikkagunaw kellna hafna mard tal-ghajnejn u fl-iskola kienu jigu t-tobba u jikkuraw lit-tfal ghat-tracoma.

L-awtoritajiet civili kienu waqqfu skema biex f'xi granet tal-festa jew purcissjoni kbira it-toroq principali tal-festa kienu jigu mxarrbin bil-bexxiexa biex jittaffa l-effett tat-trab.

Il-Bexxiexa – L-awtoritajiet civili rrakomandaw lid-Dipartiment ta' l-Indafa fit-Toroq biex jiehdu hsieb il-bexx meta jkun hemm bzonn. Ghalhekk meta kienet qed tinbena l-Misrah tal-Mentna (Diamond Jubiliee Square) thaffret giebja ghal riserva ta' l-ilma b' kumnikazzjoni mal-'main' tal-ilma ta' l-gvern. Ix-xoghol tal-bexx kien isir hekk:

Pawlu Ellul – turncock mill-Qrendi li kien jiehu hsieb il-'mains'tal-ilma kollha tar-rahal, kien jiftah il-'main' tal-gibja minn nofs it-triq 'l fuq mill-istatwa tal-Kuncizzjoni u jitlaq. Kien jirritorna meta kien jikkalkula li l-giebja jkollha bizzejjed ilma. Jien x'hin kien jitlaq kont niehu pjacir nisma' l-ilma niezel waqt li nkun nilghab bic-cirku.

Il-giebja kienet tinghalaq bit-tappira. Kien hemm tlieta haddiema li jahdmu r-rahal mad-Dipartiment ta' l-Indafa – Pawlu Briffa (tal-Lampa), Guzepp Cutajar (il-Lager) u Nardu Farrugia (in-Nejmus) li kien igib il-karettun migbud mill-bhima u bettiegha mdaqqsa fuq il-karettun.

Ix-xoghol jimxi hekk: bil-karettun magenb il-bokka tal-giebja Pawlu jimla' l-barmil mill-giebja u jnewwlu lil Guzepp u Guzepp lil Nardu fuq il-karettun ibattal l-ilma fil-bettiegha. Minn hemm imorru quddiem il-Knisja lesti biex jibda l-bexx. Il-bexxiexa tkun tiehu l-ilma permezz ta' 'pipe' tal-kanvas marbut mall-bettieghau b'bicca habel marbuta mal- bexxiexa li tigi mxengla 'l hawn u 'l hemm. Mela, Nardu ma ras il-bhima Pawlu u Guzepp jalternaw fuq il-bexxiexa. Fil-purcissjoni l-kbira il-bexx jibda minn Triq Karmel (iz-Zoppa) quddiem l-iskola, triq tan-nofs (Parish Street), il-Misrah, Triq San Bazilju etc. Il-bettiegha timtela' kemm il-darba jkun hemm bzonn. Ghandi memorji ohra fuq dik il-giebja u li nixtieq nghaddihom bil-fomm.

Salvu Farrugia

**Addendum 1:**

Pawlu kien jiehu hsieb l-giebja, u ukoll l-ghejjun li kienu:

1 Wahda n-naha ta fuq jigiefieri n-naha tat-trieq tas-Siggiewi, l fuq mil-Ghassa lejn s-Siggiewi, xi tlett mitt pied l-fuq fil fatt hdejn tax-Xugarina.

2 Fejn l-skola kien hemm tnejn, whada ghajn bil-vit ghas sena kollha, u ohra pompa minn giebja ghas-sajf biex ikun frisk (ghax tal ghajn ikun gej mil pipe u allura shun)

3 Pompa fil-kantuniera ta Indri l-Furnar fil-Pjazza Propja (illum hemm l-bar Remissa, mat trieq tad Duluri) din ukoll Pompa jigifieri mil giebja li ukoll tkun ghas-sajf.

4 Ma genb t Trieq tal_isptar fejn tal_Faccol, kien hemm pomp u ghajnma genb xulxin, giex piedi l-boghod.

5 T-Trieq ta San Bazilju kien hemm ghajn quddiem d-dar ta Ċampetrina kienu guvintur tal-Muzew. Kienet bejn s-sqaq tal-Pejxa u s-sqaq tal-ziju Majsi.

L-ilma kien jigi milgibjun zghit hdejn l-Bibjun tal Grendi l-Kbir. Ilma tal-Fawwara.

L ilma I kien jixtered kien jaqa fil-fossa, u hull fejn kine ikun hemm l-giebja, imam mhux fil giebja. Meta tintela l-possa kienu jbattluha tal gern.

Missieri (Salvu Farrugia) jahseb li l giebja tal Mentna saret fl-istess zmien meta saru l gwiebi l-ohra tal-pompa.

**Addendum 2: Barrieri**

Il-Barriera ta’ Wenzu tal-Marokk kienet fil-limiti tal-Qrendi “Tas-Sinjura”

Tas-Sejba kien hemm mill-Barriera ta- Lippu tas-Sewda.

Ftit l hemm f’ tas-Sebja stess kien hemm Barrieri tal-Mastru (mis-Siggiewi)

Ftit ‘l hemm minn tal-Mastru kien hemm Barriera ohra tal-Gizzu.

Kien hemm mill-Barriera ta’ Raymond tal-Mejlaq.

Kien hemm mill-Barriera kif taqbad ta’ Kandja fejn hemm mill-Monument taz-zewg zaghzagh li mietu hemmhekk.

Kien hemm Barriera quddiem it-torri ta’ Seguna.

Kien hemm Barriera ta’ Rokku taz-Zozz.

Barriera ohra kienet ta’ Lippu tan-Nass;

Barriera ohra kienet ta’ Kalc (Camilleri) lil hemm mit-torri (ma genb taz-Zozz)

It-triq tal-Belt kien hemm Barriera tal-Faccjol.

Il-gewwa minn din ta’ l-ahhar kien hemm mill-Barriera ta l-ahwa Psaila. (Wiehed minn ta’ Psaila joqghod in naha ta’ fuq quddiem il-hanut taz-Zubu.

Dawn il-Barrieri huma ta’ qabel il-Gwerra.

Ftit ‘l hemm mill-Barriera tal-Faccol kien hemm Barriera ohra ta’ Katrinu. (Wenzu jew Karmnu ta’ Leli)

Barriera ohra tat-Tuba gos-sqaq ta’ Pejxa.

Jien Salvu Farrugia mwieled fis-sena 1928, t-tifel ta’ Pawlu tal-Marokk mill-Imqabba.

**Addendum 3: Burdnara u Posti**

Qed nikteb bil-hsieb li nghaddi tifkiriet dwar il-burdnara tal-gebla mill-barriera u x-xoghol taghhom.

Fi triq is-Sejba, kantuniera mal-barriera tal-Mastru hemm posta. Posta hi ‘supporting base’ fit-triq mhux boghod mir-rampa tal-barriera. Din tkun tesgha nofs vjagg gebel u gholja xi erba’ filati. Dik il-posta llum tinsab mghottija (jew ahjar mirduma) bil-gebel. Dik il-posta kellha funzjoni partikulari. Nifhem li jkun tajjeb li ma’ taghlim fuq il-barriera nfisha il-posta ghandu jkollha pubblicita. Forsi tajjeb inzid nghid, li qabel it-tieni gwerra, il-barriera tal-Mastru kienet l-aktar fonda fl-inhawi.

Il-burdnar kien jghabbi l-gebel ghal-garr b’dan il-mod. Kien jigbor il-kantuni kollha hdejn il-karettun, jghabbi nofshom u jitla’ bihom u jhotthom fuq il-posta. Imbaghad kien jerga jinzel fil-barriera biex itella’ n-nofs l-iehor. Ghal darbohra jerga jitla’ fejn il-posta u jghabbi l-gebel li jkun halla hemm. Issa kien ikun lest biex jibda’ t-triq bi vjagg gebel ghal ghand il-bennej. Generalment il-burdnar kien jimxi mal-bhima it-triq kollha meta kien ikun mghobbi.

Il-Burdnara maghrufa

Guzeppi Zammit (Zeppi l-Bazzi) Mqabba

Pawlu Bondin (Ganga) Mqabba

Grixti (Magajz) Mqabba

Buhagiar (L-Arbula) Mqabba

Guzepp Spiteri u ibnu Pawlu (tat-Tawru) Qrendi

Iehor maghruf bhala ta’ Liena, Qrendi

Micallef Carmel ( ta’ Dandu) Mosta

Pace Salvu (l-Ghawdxi) Qormi

Iehor maghruf bhala l-Biskuttin, Luqa

L posti Li jaf biehom Salvu Farrugia

1 Ta’ Kandja f’tal- Faccol

2 Ohra fejn tal-Mastru

3 Ta lippu tas-Sewda

4 Fejn t-torri

5 Fejn il-barriera tal-Gizzu (fit-Trieq tal Belt)

Salvu Farrugia